DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 181286** **06.06.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Diskors mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia fl-okkażjoni tat-tifkira tas-Sette Giugno***

Prim Ministru
Kap tal-Oppożizzjoni
Presidenti Emeriti
Speakers Emeriti
Onorevoli Membri
Membri Anzjani
Eċċellenzi
Mistiedna distinti

Bħal-lum sena se nkunu qegħdin niċċelebraw l-għeluq il-mitt sena mill-irvellijiet tas-Sette Giugno u allura tajjeb li f'din l-okkażjoni wieħed imur lura fiż-żmien biex jara minn fejn tlaqna, jara minn xiex għaddejna biex wasalna s'hawn, u jħares 'il fejn irridu nimxu.

Wara t-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija pajjiżna beda jaffaċċja problemi kbar fil-qasam tal-agrikoltura. Dawn il-problemi bdew jirriżultaw, fost oħrajn, f'nuqqas ta' ikel bażiku u bdew iħallu l-effett tagħhom fuq il-poplu. Il-prezz għoli tal-qamħ, u allura tal-ħobż, kien wieħed mill-fatturi li wassal lill-poplu li jirribella kontra l-ħakma Ingliża fil-bidu tas-seklu għoxrin.

Iżda din ma kinitx ir-raġuni ewlenija li wasslet għall-irvellijiet tal-1919; kien hemm ukoll l-iżviluppi politiċi ta' dak iż-żmien li kkontribwixxew għall-avvenimenti li qegħdin infakkru llum.

Fl-ewwel laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali, li nżammet fil-25 ta' Frar 1919 kienet tressqet riżoluzzjoni mill-fazzjoni mmexxija minn Dr Enrico Mizzi li kienet tgħid li Malta għandha tingħata drittijiet bħal pajjiżi oħrajn skont il-Konferenza tal-Paċi ta' Versailles. Dan kien ifisser li pajjiżna jingħata l-indipendenza mill-Imperu Ingliż. Din ir-riżoluzzjoni, però, kien hemm oppożizzjoni qawwija għaliha, speċjalment minn Sir Filippo Sceberras, li kien qiegħed jistenna biss li jkun hemm gvern responsabbli. Kien sar attentat biex jaslu għal riżoluzzjoni moderata, iżda finalment din ġiet imwarrba wkoll biex ma jkunx hemm qasma bejn il-fazzjonijiet moderati u estremisti.

Ftit ġranet qabel l-irvellijiet tas-Sette Giugno s-Segretarju tal-Istat tal-Kolonji kien informa lil Sir Filippo Sceberras li l-gvernatur li kellu jiġi f'pajjiżna, Lord Plumer, kellu jagħmel studju dwar is-sitwazzjoni li jsib u kellu jirrapporta lura lil Londra dwar il-possibbiltà li Malta tingħata amministrazzjoni aktar xierqa għall-pajjiż.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Li ġara kien li s-segwaċi ta' Dr Enrico Mizzi kienu qalu li l-gvern Imperjali ma kellux jiġi mogħti fiduċja. Fost dawn, kien hemm anke studenti universitarji, li kienu aktar jassoċjaw ruħhom ma' Enrico Mizzi, li fl-isfond ta' dan it-tqanqil politiku u ta' kwestjonijiet oħra marbuta mal-Università, kienu għamlu protesta kbira fis-16 ta' Mejju 1919. Din il-protesta tant kienet kbira li anke l-membri tal-Korp tal-Pulizija u l-impjegati tal-Posta kienu heddew li joħorġu bi *strike*.

Kien hemm imbagħad is-segwaċi estremisti tal-politiku Manwel Dimech, li kien qanqal ħsibijiet radikali u ideat nazzjonalisti qawwija fost dawk li kienu qiegħda. Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija Manwel Dimech kien ġie eżiljat f'Lixandra, l-Eġittu, u kien ġie ordnat jibqa' hemmhekk sakemm imut, kif fil-fatt ġara; minkejja dan, l-ideat u l-motivazzjoni tiegħu baqgħu b'saħħithom ħafna fost il-Maltin. Infatti s-segwaċi tiegħu wkoll kienu determinati li jaraw lil pajjiżna jikseb l-indipendenza u li jwaqqfu stat sekulari demokratiku li ma jkollu l-ebda ndħil minn forzi esterni. Dan kien konsonanti sew mal-ħsibijiet ta' Enrico Mizzi, u għalkemm it-tnejn kienu ġejjin minn fazzjonijiet differenti, f'dan kienu tal-istess fehma.

Tajjeb ngħid li l-effetti tal-irvellijiet tas-Sette Giugno kienu ħafna. L-Ingliżi rrealizzaw li ma kellhomx jieħdu aktar lill-Maltin *for granted*. Tant hu hekk, li l-progress kostituzzjonali ġie aċċellerat u fl-20 ta' Novembru ta' dik is-sena stess, il-Maltin ġew imwiegħda li jkollhom il-Parlament tagħhom u li jkollhom ukoll il-ġurisdizzjoni fuq l-affarijiet interni – dak li nirreferu għalih bħala s-*self-government*. Iżda kellhom jgħaddu kważi sentejn sakemm pajjiżna ġie mogħti Kostituzzjoni ġdida fit-30 ta' April tal-1921. Dik is-sena stess kienu saru l-elezzjonijiet f'Ottubru, u mbagħad infetaħ l-ewwel Parlament Malti f'Novembru.

Meta nfakkru l-irvellijiet u r-raġunijiet li wasslu għalihom, ma nistgħux ma nfakkrux ukoll il-mod li bih inqatlu l-erba' Maltin. Filwaqt li tlieta minnhom – Manwel Attard, Ġużè Bajada u Wenzu Dyer – intlaqtu minn tiri li ġew sparati minn uffiċjali Ingliżi, Carmelo Abela, miet mewta daqstant ieħor tassew kerha. Quddiem il-palazz tal-Kurunell Francia, li kellu waħda mill-imtieħen tal-qamħ f'Malta, kien hemm xi nies miġbura. Ġara li xi wħud minnhom daħlu fil-palazz tal-Kurunell u bdew jitfgħu l-għamara u anke xi oġġetti tal-fidda għal barra. Is-suldati Ingliżi li kienu għassa mad-dar ta' Francia ma fetħux in-nar fuq in-nies, però dakinhar filgħaxija, waqt li xi membri tal-Armata Ingliża kienu qegħdin inaddfu l-palazz u l-madwar tiegħu, Carmelo Abela, li kien viċin id-dar ta' Francia, beda jsejjaħ lil ibnu. Żewġ uffiċjali tal-Armata Ingliża marru biex jarrestawh, u għaliex irreżistiehom, peress li huwa kull ma kien qiegħed jagħmel kien li jsejjaħ lil ibnu, wieħed mill-*marines* ġera lejh u tah daqqa ta' bajunetta ġol-istonku. Konsegwenza ta' hekk, Carmelo Abela miet disat ijiem wara, preċiżament fis-16 ta' Ġunju 1919.

Kif qed nitkellmu dwar il-vittmi tas-Sette Giugno, ta' min wieħed isemmi li kif jargumentaw uħud mill-istoriċi Maltin, mhux eskluż li żewġ Maltin oħra, Francesco Darmanin u Toni Caruana, mietu wkoll kaġun tal-irvellijiet li qed infakkru llum.

Dan qed ngħidu għaliex tajjeb li wieħed anke jirrifletti ftit fuq il-mod li bih kienu jiġu ttrattati l-Maltin li sfidaw l-awtoritajiet biex iġġieldu għad-drittijiet tagħhom, u wkoll sabiex inkunu nistgħu napprezzaw it-tbatijiet li għaddew minnhom missirijietna biex wasalna fejn wasalna.

Hawnhekk irrid nagħmel referenza għat-teżi li kiteb Fr Tony Sciberras – membru tas-Soċjetà ta' San Pawl, ħabib tiegħi u Mosti bħali – bl-isem *The Incarnational Aspect of the Spirituality of Joseph De Piro*. F'din it-teżi Fr Sciberras fisser l-uġigħ li għadda minnu l-Monsinjur Joseph De Piro, li kien ukoll membru tal-Assemblea Nazzjonali. Huwa kiteb li:

"*In general those who participated in the three-day event were people who wanted to fight for their legitimate rights. This was the only reason why De Piro intervened in such a delicate situation. In spite of the fact that he even risked his own life, the Servant of God spent three days going here and there, at one time meeting some British officer, at another time the Commissioner of Police, at another time members of the Assembly, and at other times, even the mob. It seems befitting to stress all this by a statement published eight years later:*

*Fr Joseph De Piro, a priest whom nobody can accuse of any fault, is an example of integrity, devoted dedication and holiness. He is also a patriot, who was involved in heartbreaking events – the disorders and deaths on 7 June 1919. On that occasion he was in the midst of firing and close to the injured. De Piro is, for the Church and his native country, an exemplary priest and an ideal patriot. Everyone should love and admire him.*"

Mela anke waqt l-irvellijiet, Monsinjur De Piro ħass li kellu jingħaqad mal-folla. Tant hu hekk li fit-teżi tiegħu Fr Sciberras kompla jispjega li minn riċerka li għamel f'manuskritti tal-istess De Piro rriżulta, u nikkwota:

"*The shooting of four men by the British soldiers on 7 June 1919, made all Maltese join forces and forget their different opinions about various aspects of their lives. In fact on the 8th June 1919 there met at the "Giovine Malta", a central building in Valletta, a group of volunteers who created a Committee which would gather money for the families of the victims who died or were wounded the day before. In the fourth meeting of this Committee, Sir Filippo Sceberras was chosen as honorary president and Dr Enrico Mizzi as secretary. De Piro was one of the clerics to join them. He was made the cashier of this Committee.*"

Dan il-kumitat iltaqa' 52 darba, bl-aħħar darba tkun f'Jannar tal-1926. Fil-Minuti tal-laqgħat ta' dan il-kumitat wieħed isib l-informazzjoni li kienet ġiet miġbura mill-istess membri u jsib ukoll il-lista tan-nies li ġew megħjuna u l-ammont ta' flus li ngħata kull wieħed. Dan qed ngħidu biex nuri kif l-istorja tgħallimna li meta jkun hemm l-għaqda, u meta jkun hemm il-kolleġġjalità, l-interess nazzjonali u l-ġid komuni joħoroġu aktar b'saħħithom, bħalma ġara wara l-avvenimenti tas-Sette Giugno.

Proprju fid-diskors li għamilt sena ilu kont tkellimt dwar il-bżonn li l-Parlament iservi bħala post fejn bl-aktar mod ħieles wieħed jiddibatti fl-interess nazzjonali. Kont għedt ukoll li kull Membru jiġi elett permezz ta' proċess demokratiku u allura għandu jkun ta' eżempju għan-nies li jirrappreżenta. Fil-fatt, kont anke għamilt referenza għar-rwol taċ-ċittadin fil-ħidma tal-Parlament u kont għedt, bħalma għedt f'diversi okkażjonijiet preċedenti, li m'għandux ikun hemm abbuż mill-privileġġ parlamentari f'din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Kont għedt ukoll li f'dan ir-rigward, wasal iż-żmien li nibdew inħarsu lejn mudelli li jindirizzaw din il-kwestjoni u li fl-eżerċizzju li kien għaddej biex nirrevedu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, kellna naraw li ndaħħlu regolamenti li jagħtu dinjità akbar lill-Parlament, inkluż fil-mod ta' kif Membru jindirizza lill-Kamra. Fil-fatt kont għidt li:

"Kif qed nitkellem dwar x'nixtieq nara jidħol fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, ma rridx ninsa nerġa' nsemmi d-dritt tat-tweġiba taċ-ċittadin għal dak li jingħad dwaru fil-Kamra tad-Deputati. Fid-diskors tiegħi tal-2015 jiena kont għidt hekk:

"Hemm ħafna x'wieħed jagħmel biex dejjem itejjeb il-livell ta' trasparenza u l-kontabilità ta' kull wieħed u waħda minna lejn il-poplu li nirrappreżentaw. Pereżempju, naħseb wasal iż-żmien li nindirizzaw il-kwestjoni ta' meta ċittadin iħossu aggravat b'dak li jintqal fil-konfront tiegħu fil-Parlament, u f'dan ir-rigward ngħid li wasal iż-żmien li jkun hemm mekkaniżmu li jagħti dritt għar-rimedju lill-istess ċittadin. Ovvjament dan irid isir mingħajr ma nnaqqsu d-dritt u l-privileġġ li jgawdi Membru Parlamentari tal-Kamra, għaliex dan il-privileġġ qiegħed hemm biex Membru Parlamentari jkun jista' jitkellem mingħajr biża'."

Nemmen li jekk nagħtu dan id-dritt liċ-ċittadin, inkunu qegħdin inressquh aktar lejn il-Parlament għaliex inkunu qed nuruh bil-provi li jista' jsemma' leħnu anke fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Fl-istess ħin inkunu qegħdin nuruh li l-Parlamentari huma lesti li jkunu aktar kontabbli lejn il-poplu għaliex dan il-pass fih innifsu huwa kontroll għal min ikun irid jabbuża mill-privileġġ parlamentari."

Dan qiegħed ngħidu biex nenfasizza li kulħadd għandu jkun responsabbli għal għemilu u ma jistax ikun li sena wara sena nibqgħu niġu għal din il-kommemorazzjoni fejn infakkru episodju tassew ikrah fl-istorja ta' pajjiżna – u s-sena d-dieħla jekk Alla jrid se jkollna ċ-ċentinarju ta' dawn l-irvellijiet – u nkunu għadna mingħajr proċedura stabbilita biex min jabbuża, jirrispondi għal għemilu. Il-Membru Parlamentari huwa rappreżentant tal-poplu u jkun min ikun, u jkun qiegħed fuq liema naħa tal-Kamra jkun qiegħed, dejjem għandu jerfa' r-responsabbiltà li dak li jgħid, jgħidu b'mod onest u fl-aħjar interess tal-pajjiż. L-ebda Membru m'għandu jabbuża minn dan id-dritt. Għalhekk ngħid li wasal iż-żmien li nirrevedu l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra sabiex jidħol fis-seħħ rimedju għal dak iċ-ċittadin li jħoss li kien hemm abbuż tal-privileġġ parlamentari fil-konfront tiegħu.

U ladarba qed nitkellem dwar l-Ordnijiet Permanenti, nixtieq nagħmel ukoll referenza għal kwestjoni li qamet meta l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi kien qiegħed jiddiskuti r-rapport tal-Awditur Ġenerali "*Analysis of the Effectivness of Enemalta Corporation Fuel Procurement*" fil-Leġiżlatura li għaddiet. Uħud mill-qrati tagħna, inkluż is-Sede Kostituzzjonali, irrimarkaw li l-linji gwida għal xhieda li jidhru quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, liema linji gwida kienu ġew abbozzati u sussegwentement approvati miż-żewġ naħat fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra fl-2011, m'għandhomx japplikaw fil-konfront ta' persuni li ġew imħarrka bħala xhieda quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Dan minkejja li d-dritt tas-silenzju fil-linji gwida huwa mħares bl-artiklu 19, li jgħid li xhud għandu dritt ma jweġibx kull domanda li tista' tinkriminah. Fuq dan il-punt il-Qorti Kostituzzjonali kkontendiet li minbarra li ma tirrispondix għal dawk id-domandi li jinkriminawha, persuna li tintalab tixhed quddiem il-Kumitat għandha dritt assolut għas-silenzju jekk tkun għaddejja minn proċeduri kriminali. Ma nħossx li f'dan l-istadju għandi nikkummenta aktar peress li hemm appell pendenti.

F'dan ir-rigward, inħoss li wasal iż-żmien li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra jiġu riveduti għaliex ma jistax ikun li meta jiġi biex jiskrutinja l-użu korrett ta' fondi pubbliċi, il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi – kumitat importanti ħafna – jiġi mxekkel u ppreġudikat bi proċeduri fil-qrati, u saħansitra b'sentenzi tal-qorti li ngħataw żmien wara li ntemmet il-leġiżlatura li matulha nqala' l-każ. Minbarra r-reviżjoni tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, u tal-linji gwida rispettivi, biex naraw li dawn ikunu jirriflettu dak li jiġi deċiż fl-appell, għandna nħarsu wkoll lejn il-possibilità li jsiru emendi fil-Kodiċi dwar l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex xhieda li tingħata quddiem kumitat parlamentari, ma tkunx tista' titqies bħala evidenza quddiem tribunal jew qorti tal-ġustizzja.

Dan li qed jiġi propost jirrifletti, sa ċertu punt, dak li nsibu fil-proċeduri u l-prattiċi tal-House of Commons Ingliża fejn l-istess xhieda huma protetti mill-privileġġ parlamentari, li l-bażi tiegħu jinsab

fil-Bill of Rights tal-1689, liema privileġġ hu meqjus bħala prinċipju fundamentali f'demokrazija parlamentari. Fil-prattika dan ifisser li bħall-Membri Parlamentari, ix-xhieda li jidhru quddiem kumitati parlamentari huma eżenti minn kull passi legali li jistgħu jittieħdu kontrihom, kemm ċivili kif ukoll kriminali, fir-rigward tal-evidenza li jkunu taw. Hawnhekk irrid ngħid ukoll li fil-Parlament Ingliż teżisti ċertu reċiproċità fis-sens li f'dan ir-rigward għandhom ir-regola tas-*sub judice* li tillimita l-mod ta' kif Membru kif ukoll xhud jista' jirreferi għal materji li jkunu qed jiġu trattati fil-qrati tal-ġustizzja.

Xtaqt nitkellem ukoll dwar l-effetti li l-awtonomija amministrattiva ħalliet fil-ħidma parlamentari minn mindu din daħlet fis-seħħ f'Jannar tal-2017. Ftit tal-ġimgħat ilu ġejt mistieden bħala *keynote speaker* fil-Commonwealth People's Forum li ġie organizzat fil-qafas tal-attivitajiet konnessi mal-laqgħa taċ-CHOGM li saret ġewwa Londra lejn tmiem April.

Fl-indirizz tiegħi dwar is-separazzjoni tal-poteri, tkellimt dwar il-mixja tal-Parlament Malti lejn l-awtonomija amministrattiva, anke fil-kuntest tal-Latimer House Principles tal-Commonwealth. Enfasizzajt li biex Parlament ikun tassew wieħed ħieles, l-amministrazzjoni tiegħu trid tkun waħda awtonoma, li l-milja tagħha tintlaħaq meta l-Parlament ikun tassew indipendenti mill-Eżekuttiv mil-lat ta' allokazzjoni finanzjarja, li hija s-sitwazzjoni li llum jinsab fiha l-Parlament Malti. Sodisfatt illi dan l-argument sab ruħu wkoll fid-dikjarazzjoni ta' dan il-Forum.

Ftit ġimgħat biss wara t-tielet anniversarju mill-mixja tal-Parlament lejn il-binja l-ġdida ma nistax ma nirreferix għall-isfidi li din ġabet magħha, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-ispazju għaż-żamma tal-arkivji kif mitlub mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Dan ukoll minbarra nuqqas ta' uffiċċji għall-ħaddiema, kemm dawk attwali kif ukoll dawk li s-Servizz Parlamentari għandu bżonn biex dejjem ikompli jsaħħaħ is-servizzi li joffri sabiex jilħaq l-aspettattivi kemm tal-Membri kif ukoll tal-pubbliku. Issa li l-amministrazzjoni hija waħda awtonoma, din ir-responsabilità hija kollha tal-istess Servizz Parlamentari.

Kif tafu, tul dawn l-aħħar snin ġew imwaqqfa numru ta' kumitati permanenti ġodda, fosthom il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet, il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi, kif ukoll il-Kumitat Permanenti dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt, li komplew żiedu r-responsabbiltajiet fuq is-Servizz Parlamentari. Nistennew li dan il-piż ikompli jiżdied meta jinħatar il-Kumitat dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika.

Kif diġà kont ħabbart fid-diskors tiegħi eżatt sena ilu u kif ġie ddikjarat fil-pjan finanzjarju tas-Servizz Parlamentari għas-sena kurrenti, li ġie mgħoddi mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u approvat b'mod unanimu fil-plenarju, il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir (GHRC) ġiet identifikata sabiex tgħinna niżviluppaw is-sotterran tal-binja tal-Parlament, jiġifieri s-sit li għexieren ta' snin ilu serva bħala wieħed mill-istazzjonijiet tal-ferrovija ta' pajjiżna. L-applikazzjoni għall-iżvilupp ta' dan is-sit ġiet approvata mill-Awtorità tal-Ippjanar proprju l-ġimgħa l-oħra. Tajjeb li nżid ngħid li d-disinn tal-istruttura sar b'rispett sħiħ lejn l-istorja u l-patrimonju, u f'dan ir-rigward qabel ma nħareġ il-permess saru laqgħat mal-awtoritajiet rispettivi sabiex jiġi aċċertat li fil-proposti li saru ma tkun qed issir l-ebda ħsara lill-wirt storiku.

Il-pjanijiet jaħsbu sabiex fl-*area* msemmija, ikun hemm ir-raba' kamra għall-kumitati mgħammra bit-teknoloġija neċessarja sabiex kif isir fil-kmamar tal-kumitati l-oħra, il-proċeduri jiġu traskritti kif ukoll imxandra b'mod viżiv. Dan sabiex jinżamm il-livell għoli ta' trasparenza li lħaqna fil-ħidma tagħna minn mindu l-Parlament mexa għall-binja l-ġdida.

Fil-pjanti tajna prominenza għal post fejn jistgħu jinżammu l-arkivji tal-Parlament, u għal dan il-għan ser ikunu qed jiġu installati miżuri kemm ta' sigurtà kif ukoll ta' kontroll tal-klima sabiex il-materjal arkivjat ma jiġix degradat biż-żmien. Hawnhekk mhux qed nirreferi biss għal dokumenti, iżda wkoll għal materjal awdjoviżiv ta' seduti parlamentari passati.

Nista' ngħidilkom li matul is-sena jkollna numru konsiderevoli ta' talbiet, kemm minn studenti universitarji, kif ukoll minn studjużi tal-istorja, li b'mod regolari jżuru l-Parlament sabiex jagħmlu r-riċerki tagħhom fl-arkvijі tagħna. Għaldaqsant il-proġett ser jinkludi wkoll librerija ta' referenza li ma tkunx biss għall-użu tal-Membri Parlamentari u għall-impjegati tal-Parlament, iżda wkoll għall-pubbliku.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, dan il-proġett se jippermettilna nżidu l-ispazju minn fejn jistgħu jaħdmu r-riċerkaturi u l-librara tal-Parlament, li xogħolhom huwa li jassistu lill-Membri fil-qadi ta' dmirijiethom, kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta meta jipparteċipaw f'laqgħat interparlamentari. Dan il-pass se jippermettilna wkoll nindirizzaw ir-responsabbiltajiet tas-Servizz Parlamentari, li dejjem qed jiżdiedu, primarjament minħabba ż-żieda ta' kumitati ġodda kif semmejt aktar qabel.

Nispera li x-xogħol fuq dan is-sit jaqbad ritmu mgħaġġel biex kemm jista' jkun il-proġett ikun finalizzat fl-iqsar żmien possibbli. Ninsab fiduċjuż li bis-saħħa ta' dan il-proġett, l-akbar benefiċjarju se jkun il-pubbliku, għaliex l-iskop primarju ta' dan ix-xogħol huwa dak li jiżdied u jitjieb l-aċċess għax-xogħol li jsir f'din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.

Irrid ukoll nagħmel referenza għall-proġett taċ-*childcare centre* li qed isir flimkien mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, mal-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, u mal-Ministeru għas-Saħħa; il-pjanijiet jinsabu fi stat avvanzat u kulma qed nistennew huwa li jinħareġ il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ikollna dan is-servizz fil-viċinanzi tal-binja tal-Parlament. Minn *survey* riċenti li sar fost il-Membri Parlamentari kif ukoll l-i*staff* tal-Parlament biex inkunu nafu eżattament x'konkorrenza hija mistennija għal din il-faċilità, s'issa jidher li hemm numru sabiħ ta' persuni li lesti li jużaw dan iċ-*childcare centre*. Qed isir minn kollox biex sakemm jitlesta dan il-proġett u jinħarġu l-permessi mill-awtoritajiet, tinstab alternattiva vijabbli.

Kif tapprezzaw, Parlament li jrid jibqa' wieħed relevanti fiż-żmenijiet tal-lum, irid ikun wieħed proattiv li jindirizza l-bżonnijiet u l-aspettattivi tal-Membri Parlamentari u tal-pubbliku. Jekk ma nagħmlux hekk ma nkunux qed naqdu l-funzjonijiet tagħna bl-aħjar mod possibbli.

Xhieda tal-fatt li l-Parlament tagħna huwa wieħed li minkejja ċ-ċokon tiegħu jħabbatha sew ma' parlamenti ferm akbar huwa li fl-2016 il-Parlament Malti kien it-tieni Parlament fost dawk tat-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li għamel użu mis-setgħa mogħtija lilu mit-Trattat ta' Liżbona biex jesprimi t-tħassib tiegħu dwar proposti tal-Kummissjoni Ewropea li ma jkunux konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Nittama li din l-okkażjoni tal-lum isservi sabiex il-poplu, kif għandu kull dritt, ikun jaf x'qed isir f'din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, u wkoll biex wieħed jirrifletti dwar l-istat tad-demokrazija parlamentari f'pajjiżna, li dejjem għandha tinżamm fuq l-ogħla pedestall, kif jixirqilha.

Nirringrazzjakom.